**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Johan Cefai, iben Joseph u Maria Gloria xebba Parnis, imwieled nhar il-24 ta' Awwissu, 1998, fir-Rabat, Ghawdex, residenti gewwa l-fond 'Linnet', Triq Patri Guzepp Portelli, Qala, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 27298(G)**

**Numru: 251/2018**

Illum 11 ta' Dicembru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Johan Cefai,** u cioe` talli:

Nhar is- 17.03.2017 ghall-habta ta' 04:30 ta' filghaxija u fil-hinijiet ta' qabel waqt li kien qieghed fl-inhawi maghrufa ta' Trunciera, limiti tal-Qala, Ghawdex:

1. waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar ha jew prova jiehu xi ghasfur bi ksur ta' Regolament 18(1)(c) ta' L.S 549.42;

2. u aktar talli ha jew prova jieħu b'kull mezz li jkun xi għasfur kif permess skont id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti mingħajr ma kellu fil-pussess tiegħu liċenza valida skont ma tkun tapplika, maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, u ma ssodisfax il-kundizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenza u f'kull liġi oħra bi ksur ta' Reg 12(1) u t-tielet proviso ta' Reg 27(3) ta' LS 549.42;

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolament dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (L.S 549.242) mhux skont dawn ir-regolamenti u mhux skont il-kundizzjonijiet ta' kull licenzja moghtija bi ksur ta' Regolament 4(1)(a) L.S 549.42;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza xbieki bi ksur ta' Regolament (7)(1)(e) tal-L.S 549.42;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ha jew prova jiehu xi ghasfur billi uza jew zamm kwalunkwe apparat li l-uzu tieghu huwa pprojbit taht is-subregolament (1) ta' regolament 7 ta' regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar Selvaggi u cioe' l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel t'ghasafar u dan bi ksur ta' regolament 7(1)(d) tal-L.S 549.42;

Il-Qorti giet mitluba li bis-sahha ta' regolament 27(2)(b) tal-L.S 549.42 barra li taghti l-piena skont il-ligi tordna l-konfiska tal-corpus delicti u r-revoka permanenti ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija.

Rat li waqt l-udjenza tal-25 ta' Settembru, 2019, il-prosekuzzjoni ddikjarat li m'ghandhiex prova dwar l-ghasafar in kwistjoni u lanqas dwar l-apparat jew xbiek li nstabu fuq ix-xena.

Rat li waqt l-istess seduta mizmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-ewwel u t-tielet ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-ewwel u t-

tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk xtaq jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-ewwel w t-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni kif minnu ammessa.

Jirrizulta mill-affidavit ta' PC754 N. Bugeja li ghalkemm gew zarmati l-imnasab dawn kienu aramati minghajr nassaba u ghalhekk ma gie ppruvat l-ebda ness bejn dawn u l-imputat. Lanqas ma jirrizulta li kienu l-istess mnasab li jissemmew fir-rapport tal-CABS. Ghalhekk it-tieni, ir-raba u l-hames imputazzjoni ma fewx soddisfacentement ippruvati.

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qiset in-natura tar-reati li tahhom qed tinstab htija, tal-fedina penali netta tal-imputat, tal-ammissjoni tieghu rigward l-ewwel u t-tielet imputazzjoni kif ukoll il-pre-sentencing report esebit in atti w x-xhieda moghtija mill-Ufficjal tal-probation li dderiga r-rapport imsemmi.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, tal-***Kodici Kriminali***, ir-Regolamenti 4(1)(a), 18(1)(c) u 27 tar-***Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi (L.S.549.42)***, issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni, tilliberah mill-kumplament, u b'applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lil Johan Cefai taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita`.

F'din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita` huwa mehtieġ li l-hati jaghmel xoghol bla hlas jew xoghol bla hlas u tahriġ, kif rakkommandat fix-xhieda tal-istess Ufficjal tal-Probation u dan ghall-perijodu ta' mija u hamsin (150) siegha kif qed jigi speċifikat fl-ordni.

Ai termini tas-sub inciz (4) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tispjega lill-hati bi kliem li jiftiehem sew l-effett tal-ordni u li jekk il-hati jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, il-hati jkun jista' jinghata sentenza għar-reat oriġinali. Il-ħati qiegħed jiddikjara li jaqbel ma tali ordni.

A tenur tas-sub inciz (5) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li tinghata kopja ta' l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' lill-hati, lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole, lill-Ufficcjal tas-Servizz tal-Komunita` assenjat ghall-kaz mid-Direttur u lill-agenziji u l-awtoritajiet responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-Ordni tas-Servizz tal-Komunita`.

Ai termini tar-regolament 27(2)(a) tar-***Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi (L.S.549.42),*** il-Qorti qed torda s-sospensjoni ta' kull liċenza jew permess maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal perjodu ta' tlett snin millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**